# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 11**

**Rikors numru 1193/11 SM**

**Avukat Dottor Anthony Cutajar u**
**Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici**

**v.**

**Direttur Qrati Civili u Tribunali u wkoll ghal kull interess li jista' jkollhom, Lombard Bank Malta plc (C-1607), Bank of Valletta plc (C-2833), Avukat Dottor Dominic Cassar, Prokuratur Legali Joanna Dingli u b'digriet tat-3 ta' April 2017 stante l-mewt tal-P.L. Joanna Borg Costanzi (Dingli) l-atti gew trasfuzi f'isem Maximilian Dingli f'ismu proprio u f'isem l-assenti ohtu Ann Dingli, Avukat Dottor Rachel Bonello, Prokuratur Legali Gerald Bonello, Perit Joseph A. Briffa A.I.C., Avukat Dottor Martin Fenech, Prokuratur Legali Victor Bugeja, kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-assenti Rodney Thomas Cake, direttur ta' kumpanija, iben Thomas Haygarth Cake u Mavis xebba Perkins, imwieled Albany l-Awstralja u martu Mamie Pace, bint il-mejjet Thomas Philips u Mary Ellen xebba Daly, imwielda Fernham Common l-Ingilterra u b'digriet datat 20 ta' Marzu, 2012, gew nominati Dr Yana Micallef Stafrace li b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2017 giet sostitwita b'Dr Joseph Ellis stante li giet elevata ghall-Magistratura, u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi**

**tal-assenti Rodney Thomas Cake u martu Mamie Pace**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat minn Dr Anthony Cutajar u mill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, tat-2 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu nghad:

> "1. Illi permezz ta' dikriet datat 18 ta' Frar, 2010, l-istanti l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici kienu gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi ta' Rodney Thomas Cake u martu Mamie Pace, li kienu assenti t-tnejn minn Malta, hekk kif jixhed kopja tad-dikriet relattiv hawn wara anness u mmarkat bhala "**Dok: A**";
>
> "2. Illi fis-26 ta' Novembru, 2010 gie mressaq rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili minn *Lombard Bank Malta plc* fejn gie, *inter alia*, premess illi l-istess bank kien kreditur fil-konfront ta' l-assenti Rodney Thomas Cake u martu Mamie Pace u fejn l-imsemmija Qorti giet mitluba, *inter alia,* biex taqbad u tbiegh b'subbasta il-proprjetà immobiljari deskritta fl-istess rikors, hekk kif ahjar deskritt f'"**Dok: B**" hawn wara anness li hu kopja legali w intiera ta' l-atti tas-subbasta bin-numru 90/2010);
>
> "3. Illi r-rikors appena msemmi gie debitament notifikat lill-istanti, l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, fis-7 ta' Jannar, 2011 u fis-6 ta' Jannar, 2011 b'mod rispettiv hekk kif jirrizulta mill-atti ta' l-imsemmija subbasta;
>
> "4. Illi, fost hwejjeg ohra fil-kors tal-procedura ta' l-indikata subbasta, l-bank *Lombard Bank Malta plc*, kien ressaq nota datata 21 ta' Gunju, 2011 fejn iddikjara illi kien jixtieq jaghmel offerti *animo compensandi* fl-atti ta' l-imsemmija subbasta. Dan gie mill-istess bank ribadit f'nota ohra, din id-darba mahlufa, datata 11 ta' Lulju, 2011 fejn gie dikjarat illi "*l-Bank ser jaghmel offerti 'animo compensandi' ghall-ammont indikat minnu fir-rikors promotur tieghu ipprezentat fis-26 ta' Novemnbru, 2010 u dan ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors promotur*" [ara "Dok: B" anness]'
>
> "5. Illi fit-2 ta' Awwissu, 2011 il-bank *Lombard Bank Malta plc* ipprezenta kontestwalment zewg atti gudizzjarji: (i) wiehed kien cedola

ta' kompensazzjoni u kontestwali depozitu fejn il-bank appena msemmi adixxa lil din l-Onorabbli Qorti u taht l-awtorità taghha ddepozita l-ammont ta' €570,215.35c hekk kif ahjar dettaljat fl-istess att u (ii) l-iehor kien rikors fejn din l-Onorabbli Qorti rispettozament intalbet tapprova l-kompensazzjoni maghmula bic-cedola ta' kompensazzjoni u kontestwali depozitu;

"6. Illi l-istanti, l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, gew notifikati b'dawn iz-zewg atti gudizzjarji mressqa minn *Lombard Bank Malta plc* fit-22 ta' Awwissu, 2011 u fil-25 ta' Awwissu, 2011 b'mod rispettiv, hekk kif jirrizulta mill-atti tas-subbasta hawnhekk annessi [ara "Dok: B"];

"7. Illi fl-24 ta' Awwissu, 201 il-*Bank of Valletta plc* ressaq rikors fejn, ghar-ragunijiet imfissra fih, talab lil din l-Onorabbli Qorti tawtorizzah jizbanka s-somma depozitata fl-ammont ta' €570,215.35c;

"8. Illi l-istanti ressqu risposta datata 6 ta' Settembru, 2011 ghar-rikors ta' *Lombard Bank Malta plc* datat 2 ta' Awwissu, 2011 fejn asserew hekk: "*Li permezz taghha qed jirrimettu ruhom ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti*" u wkoll ressqu rispostao hra datata 19 ta' Settembru, 2011 ghar-rikors ta' Bank of Valletta plc datat 24 ta' Awwissu, 2011 fejn affermaw hekk: "*Illi salv li mill-ammont depositat l-esponenti jithallsu id-drittijiet lilhom dovuti skond il-ligi, oltre l-Vat fuq l-istess drittijiet, huma jirremettu ruhhom ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti*";

"9. Illi t-talba ta' *Bank of Valletta plc* misjuba fir-rikors tieghu datat 24 ta' Awwissu, 2011 giet akkolta u dan permezz ta' dikriet datat 22 ta' Settembru, 20112 u eventwalment is-somma depozitata minn *Lombard Bank Malta plc* fl-ammont ta' €570,215.35c giet zbankata minn *Bank of Valletta plc* fit-3 ta' Ottubru, 2011 (zbanki numri 1715/2011, 1716/2011 u 1717/2011);

"10. Illi l-imharrek Direttur, Qrati Civili u Tribunali Civili [ex-Artikolu 3(4)(*a*) ta' l-A.L. 139 ta' l-2004] ghadda biex intaxxa l-ispejjez u d-drittijiet professjonali relattivi ghas-subbasta bir-referenza numru 90 tas-sena 2010 fl-ismijiet "*Lombard Bank Malta pls vs. Rodnet Thomas Cake et*". Din it-taxxa intalbet mill-istanti w inharget fit-3 ta' Novembru, 2011 [ara "**Dok: C**" anness];

"11. Illi kif johrog *de visu* minn tali taxxa ufficjali l-imsemmi mharrek naqas milli debitament jintaxxa d-drittijiet professjonali kollha ta' l-istanti, l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici;

"12. Illi mill-kolonna ntestata "Kuraturi" fit-taxxa ufficjali, d-drittijiet spettanti lill-istanti huma solament fuq ir-rikors ta' *Lombard Bank Malta plc* datat 26 ta' Novembru, 2010 u fuq ir-risposti ta' l-istess

istanti datati 6 ta' Settembru, 2011 u 20 ta' Settembru, 2011 kif ahjar deskritt *supra*, li komplessivament jammontaw ghal dritt ta' €139.77c;

"13. Illi tali tassazzjoni hija skorretta, erronja u llecita stante illi d-drittijiet kompetenti lill-istanti, l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, relattivi ghac-cedola ta' kompensazzjoni u kontestwali depozitu datata 2 ta' Awwissu, 2011 (cioè €5,987.00c dritt ta' l-Avukart u €1,995.66c dritt tal-Prokuratur Legali ) gew kompletament skartati u/ jew omessi;

"14. Illi hija l-ligi stess illi tistatwixxi illi, "*Il-kuraturi ufficjali meta notifikati b'kopja ta' att gudizzjarju, li in konnessjoni mieghu ma humiex mistennija li jipprezentaw sottomissjoni miktuba, jiehdu l-istess dritt dovut lill-Avukat u Prokuratur Legali ghall-istess att gudizzjarju*" [*vide* paragrafu (b) ta' l-Artikolu 41 tat-"Tariffa E" tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta];

"15. Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju illi "cedola" tirrijentra fid-deskrizzjoni ta' u tikkwalifika bhala "att gudizzjarju" ai finijiet u effetti tal-ligi. Dan hu dezunt mill-Artikolu 627(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u anke rikonoxxut mid-duttrina legali u kif ukoll mill-qrati taghna, hekk kif ser jigi ahjar provat fil-kors ta' dawn il-proceduri;

"16. Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju illi l-kuraturi ghandhom jigu kumpensati tas-servizzi taghhom u dan stante illiu dawn huma ufficjali tal-Qorti u s-servizz taghhom hu prestart – apparti fl-interess ta' min talab il-hatra taghhom – ukoll fl-interess tal-gustizzja, irrispettivament mill-ezitu u/jew finalità tal-proceduri mehuda, hekk kif ser jigi ahjar provat fil-kors ta' dawn il-proceduri;

"17. Illi, ghalhekk, zbalja d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali li ma ntaxxax id-drittijier ta' l-istanti, l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, lilhom spettanti fuq ic-cedola ta' kompensazzjoni u kontestwali depozitu datata 2 ta' Awwissu, 2011 u ma akkordalhomx "*l-istess dritt dovut lill-Avukat u Prokuratur Legali ghall-istess att gudizzjarju*", hekk kif jghid u jrid il-menzjonat paragrafu (b) ta' l-Artikolu 41 tat-"Tariffa E" tal-Kodici ta' Organizzzzjoni u Procedura Civili;

"18. Illi ghalkemm l-istanti avvicinaw lill-imharrek sabiex din is-sitwazzjoni tigi rettifikata u sahansitra nterpellawh gudizzjarjament ghal tali ghan [ara "**Dok: D**" anness], l-istess baqa' passiv u nadampjenti;

"19. Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors a tenur ta' l-Artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat ir-risposta tal-Bank of Valletta plc, l-Avukat Dottor Dominic Cassar u tal-Prokuratur Legali Joanna Dingli, tad-9 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha eccepew:

> "1. Illi l-procedura intentata ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet tipprevedi biss dik biex tigi attakata taxxa gudizzjarja tal-ispejjez u drittijiet kif intaxxati u likwidati mir-Registratur u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet tar-Rikors huma guridikament irriti, nulli u inammissibbli, stante li b'tali procedura jista' jintalab biss dak mitlub fl-ewwel talba.
>
> "2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ir-rikorrenti jridu jipprovaw li "Cedola ta' kompensazzjoni u kontestwali depozitu" bhal dik datata 2 ta' Awwissu 2011 tikkwalifika bhala att gudizzjarju li ghandu jigi intaxxat ai termini tal-Artikolu 41 b) tat-tariffa E tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:
>
> "3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-ebda wiehed mill-esponenti intimati Bank of Valletta p.l.c., Avukat Dottor Dominic A. Cassar u Prokuratur Legali Joanna Dingli ma talbu n-nomina tal-istess rikorrenti Avukat Dottor Anthony Cutajar u Prokuratur Leggali Mario Mifsud Bonnici u d-Digriet tat-18 ta' Frar 2010 fejn gew nominati l-istess rikorrenti inghata mhux fuq talba taghhom u ghalhekk ikun x'ikun l-ezitu ta' din il-procedura, il-hlas tad-drittijiet tar-rikorrenti ma huwiex dovut mill-eccippjenti odjerni; gialadarba allura l-eccipjenti odjerni gew ingunti semmai ghall-fini ta' integrita tal-gudizzju, dawn ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' din il-procedura, anke f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-istess rikorrenti.
>
> "Illi dwar il-fatti kif esposti fir-Rikors tar-rikorrenti Dr Anthony Cutajar u P.L. Mario Mifsud Bonnici mahluf mill-istess Dr Anthony Cutajar, l-esponenti jaghmlu riferenza ghal atti gudizzjarji kif jirrizultaw".

Rat ir-risposta ta' Lombard Bank Malta plc, l-Avukat Rachael Bonello u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello, tas-16 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha eccepew:

> "1) Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom;
>
> "2) Illi skond kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, id-Direttur Qrati Civili u Tribunali hadem it-taxxa li hija annessa mar-

rikors odjern bhala "Dok C" korrettement u skond kif trid il-ligi, u m'hemm l-ebda lok li tigi revokata, mwarrba u annullata sabiex tinhadem mill-gdid, skond kif talbu r-rikorrenti fl-ewwel u t-tieni talbiet taghhom;

"3) Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti m'ghandhomx ibaghtu l-ispejjez tal-procedura odjerna, stanti li l-hrug tat-taxxa ufficjali huwa kompitu li jaqa biss fi hdan ir-responsabilitajiet tal-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali u semmai – *dato ma non concesso* – jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha, huwa l-istess Direttur intimat li ghandu jbaghti l-ispejjez;

"Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

"Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom".

Rat ir-risposta tal-Perit Joseph A. Briffa tat-30 ta' Jannar, 2012, fejn inghad minnu:

"1. Illi permezz taghha huwa jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

"2. Illi fi kwalunkwe kaz huwa m'ghandu jbaghti ebda spejjez".

Rat ir-risposta ta' Dr Martin Fenech tad-19 ta' Jannar, 2012, fejn wiegeb:

"1. Illi l-esponenti jirrimettu ruhu ghall-abbli gudizzju tal-Onorabbli Qorti;

"2. Illi l-esponenti ma ghandhux ikun ikkundannat ihallas spejjes ta' din il-kawza".

Rat ir-risposta tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, tal-20 ta' Jannar, 2012, fejn inghad minnu s-segwenti:

"1. Illi, preliminarjament, ir-rikors odjern huwa null u irritu in kwantu giet adoperata il-procedura zbaljata billi tressaq rikors guramentat meta skond il-Ligi kellu jsir rikros semplici.

> “2. Illi minghajr il-pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa kif redatta inhadmet b’mod korrett u skond il-Ligi u l-prassi f’dawn il-kazijiet u ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
>
> “3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit *dato ma non concesso* illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja tali tassazzjoni, l-esponebti m’ghandux isofri ebda spejjez ta’ tali azzjoni u/jew korrezzjoni;
>
> “4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva illi huwa joqghod ghal kwalsiasi ordni li tohrog dina l-Onorabbli Qorti, izda f’kull kaz l-esponenent m’ghandux isofri spejjez ta’ dawn il-proceduri;
>
> “5. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.
>
> “Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti”.

Rat ir-risposta tal-15 ta’ Gunju, 2012, tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer, li b’digriet tal-20 ta’ Marzu 2012, gew nominati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-assenti Rodney Thomas Cake u ta’ martu Mamie Pace, li permezz taghha eccepew:

> “1. Illi, preliminarjament, ir-rikors odjern huwa null u irritu in kwantu giet adoperata il-procedura zbaljata billi tressaq rikors guramentat meta skond il-Ligi kellu jsir rikors semplici.
>
> “2. Illi ulterjorment l-procedura intentata ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta tipprevedi biss dik biex tigi attakkata taxxagudizzjarja tal-ispejjes u drittijiet kif intaxxati u likwidati mir-Registratur u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikors huma guridikament irriti nulli u inammissibbli stante li b’tali procedura jista’ jintalab biss dak mitlub fl-ewwel talba.
>
> “3. Illi ulterjorment u bla pregudizzju ir-rikorrenti jridu jippruvaw li Cedola ta’ kompensazzjoni u kontestwali depositu bhal dik odjerna hi att gudizzjarju li ghandu jigi intaxxat ai termini tal-artikolu 41b tat-tariffa e tal-kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
>
> “4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa kif redatta inhadmet b’mod korrett u skond il-Ligi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

> "5. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-esponebnti m'ghandhomx isofru ebda spejjez stante li zgur li kwalsijasi taxxazzjoni ma kenitx responsabbilità taghhom;
>
> "6. Salvi, eccezzjonijiet ulterjuri ukoll dawk naxxenti mill-fatt li l-esponenti ghadhom ma irnexxielhomx jaghmlu kuntatt ma Rodney Thomas Cake jew Mamie Pace.
>
> "Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' Gunju, 2013, fl-ismijiet premessi, li permezz taghha ddecidiet il-kawza billi filwaqt li akkoljiet ir-risposti sollevati mill-intimati, irrespingiet it-talbiet tar-rikorrenti Avukat Dottor Anthony Cutajar u Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess rikorrenti.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi qabel xejn taghmel referenza ghall-verbal tal-abbli rapprezentant legali tad-Direttur intimat datat it-2 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu irtira l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-assistit tieghu;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "Illi nonostante tali rinunzja, jirrizulta li l-istess eccezzjoni preliminari xorta wahda ghadha vigenti stante li giet ukoll sollevata mill-Kuraturi Deputati intimati, (ara fol 398), u ghalhekk ghadha tissollecita decizjoni fir-rigward;
>
> "Illi kif gie ritenut fil-verbal datat it-2 ta' Frar, 2012, tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti, l-istess rikors promotur effettivament hu rikors li kien ukoll ikkonfermat bil-gurament;
>
> Illi in effetti li jirrizulta hu li l-"*piu` comprende il meno*", u ghalhekk stante li l-pregudizzju gudizzjarju ghandu dejjem ikun favur l-azzjoni, qed tqis li l-procedura kif intavolata, ghalkemm estrema, xorta hi valida stante li l-gurament *de quo* jirrinforza biss u mhux ibiddel, il-kwalita` tar-rikors riskontrat;

“Illi ghaldaqstant, din il-qorti tirrespingi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kuraturi Deputati bl-ispejjez kontra taghhom;

“Ikkunsidrat:

“Illi fil-meritu, il-fatti kif esposti jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

“1. Illi t-taxxa in dizamina nhadmet bhal kull subbasta ohra;

“2. Illi l-istess subbasta kienet preceduta minn ittra ufficjali u kawza;

“3. Illi t-taxxa in dizamina kienet ibbazata ad valorem u nhadmet a bazi tat-Tariffa E5, (ara fol 164);

“4. Illi d-Direttur intimat jafferma, u ma gie kontradett bl-ebda mod, li evalwa l-kriterji kollha stabbiliti fil-ligi, inkluz l-artikolu 41B tat-Tariffa de quo qabel ma hareg it-taxxa in dizamina;

“5. Illi l-istess Direttur jirribadixxi li l-Kuraturi Deputati in dizamina gia` kienu nkluzi fl-atti tas-subbasta de quo meta giet intavolata c-cedola in kwistjoni, u konsegwentement ma jigux indikati doppjament kif ir-rikorrenti qed jargumentaw;

“6. Illi l-Kuraturi Deputati rikorrenti gew moghtija l-ammont lilhom dovut skont il-ligi, liema ammont gie wkoll mahdum ad valorem f’att gudizzjarju;

“Ikkunsidrat:

“Illi di piu`, ghandu jkun ukoll pacifiku li l-vertenza odjerna hi wahda ristretta ghar-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u d-Direttur intimat li hareg it-taxxa in dizamina;

“Illi ghalhekk l-indirizz tal-procedura odjerna fil-konfront tal-intimati kollha l-ohra kien ghal kollox superfluwu w inutilment dispendjuz stante li dawn huma ghal kollox estranei ghall-vertenza u qatt ma jistghu jkunu rilevanti fir-rigward;

“Ikkunsidrat:

“Illi tenut kont tas-suespost ghandu jinghad li fil-qadi tal-obbligi taghhom ta’ Kuraturi Deputati fis-subbasta de quo l-istess kuraturi rikorrenti ma pprezentawx cedola ta’ kumpens u depozitu;

“Illi ghalhekk l-ebda kumpens lill-kuraturi de quo ma jirrizulta li hu dovut;

> "Illi jirrizulta mill-kumpless tal-provi fuq sintetikament espost li t-taxxa mahruga mid-Direttur intimat tirrizulta li fil-kumpless hi wahda korretta u skont il-ligi;".

Rat ir-rikors tal-appell Dr Anthony Cutajar u tal-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, li permezz tieghu talbu, li din il-Qorti takkolji l-appell taghhom billi thassar, tannulla u tirrevoka d-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' Gunju, 2013, fl-ismijiet premessi u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-imharrkin appellati, tghaddi biex tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess imharrkin appellati.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Bank of Valletta plc, l-Avukat Dottor Dominic Cassar u tal-Prokuratur Legali Joanna Dingli, li permezz taghha nghad li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell odjern ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Lombard Bank Malta plc, l-Avukat Rachael Bonello u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello, li permezz taghha ssottomettew illi, filwaqt li ghandha tigi kkonfermata s-sentenza appellata fl-intier taghha, l-appell interpost mir-rikorrenti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer, li b'digriet tal-20 ta' Marzu 2012,

gew nominati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-assenti Rodney Thomas Cake u ta' martu Mamie Pace, li permezz taghha talbu li s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tigi kkonfermata fil-konkluzjoni taghha, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat ir-risposta tal-appell tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali li permezz taghha ntalab li l-appell jigi michud *in toto* peress li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' April, 2017, li permezz tieghu ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Maximilian Dingli, f'ismu proprju u f'isem l-assenti ohtu Ann Dingli u li bih ordnat li jsiru l-annotamenti opportuni wara li permezz ta' nota, Maximillian Dingli, assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprju u f'isem l-assenti ohtu Ann Dingli, bhala l-eredi *ex lege* tal-Prokuratur Legali Joanna Borg Costanzi già Dingli.

Rat li permezz tad-digriet taghha tal-10 ta' Ottubru, 2017, wara li l-kuratur Dr Yana Micallef Stafrace giet elevata ghall-Magistratura, din il-Qorti ordnat li tigi sostitwita bil-kuratur li jmissu t-turn u n-nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali, tat-12 ta' Ottubru, 2017, li permezz taghha indika li l-avukat li jmissu t-turn huwa Dr Joseph Ellis.

Rat li Dr Joseph Ellis ghal kull buon fini, iddikjara li qed jirtira l-ewwel eccezzjoni li saret fl-ewwel istanza da parti tal-kuratur deputat u dan dwar l-irritwalità tal-procedura.

Rat il-verbal tas-16 ta’ Jannar, 2018, fejn wara li d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell, dan baqa’ differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Illi l-azzjoni tal-kuraturi deputati rikorrenti hija wahda ta’ ritassa, fejn a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), qeghda tigi attakkata taxxa ta’ spejjez gudizzjarji mahruga mid-Direttur intimat, in kwantu jinghad li hija wahda skorretta, peress li ma kkomputax certu drittijiet professjonali spettanti lilhom u ghalhekk ma saritx a bazi tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi.

Da parti tieghu d-Direttur intimat jishaq li t-taxxa mahruga hija korretta u ghalhekk is-sentenza appellata timmerita konferma. Fl-istess vena jwiegbu l-appellati l-ohra li jikkontendu wkoll li ma ghandhom ibatu ebda spejjez ghall-proceduri odjerni.

Ir-rikorrenti appellanti jsejsu l-appell taghhom fuq numru ta' aggravji li ser jigu trattati serjatim.

Fl-ewwel aggravju tar-rikorrenti appellanti jinghad li s-sentenza appellata hija nieqsa minn motivazzjoni kongruwa u logika. Filwaqt li jirreferu ghal gurisprudenza kopjuza fis-sens li kull sentenza tehtieg li tkun sostenuta minn motivazzjoni, huma jikkontedu li tidher li hemm diskordja bejn id-*decide* tas-sentenza u l-motivazzjoni li tipprecediha. Dana peress illi filwaqt li fid-dizpozittiv taghha l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, ghalkemm hija ghamlet xi konsiderazzjonijiet, hija naqset milli tindirizza l-punt krucjali dak dwar l-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li fuqu strahet l-azzjoni tar-rikorrenti appellanti. Jinsistu li ladarba huma bhala kuraturi deputati, gew notifikati bic-cedola ta' depozitu (li jikkostitwixxi att gudizzjarju), li ghaliha ma kien mehtieg li tigi pprezentata ebda sottomissjoni miktuba, kellhom jiehdu l-istess dritt bhall-avukat u prokuratur legali li ressqu l-istess att gudizzjarju. Jinsistu li l-lokuzzjoni tal-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12, hija cara u ma thalli lok ghal ebda interpretazzjoni u konsegwentement filwaqt li d-Direttur intimat intaxxa d-drittijiet professjonali tal-avukat u l-prokuratur legali li ressqu c-cedola ta' kompensazzjoni u kontestwali depozitu in kwistjoni, kien skorrett meta ma ntaxxax bl-istess mod id-drittijiet professjonali tal-kuraturi deputati.

Jinhass opportun li f'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti, fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Michael Gatt v. L-Awtorità tal-Ippjanar**, fejn inghad:

> "*biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tigi epurata u deciza b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi semplicement skartata b'zewg kelmiet. Naturalment il-Qorti tifhem li l-Bord huwa, bhal din il-Qorti, mghobbi b'numru kbir ta' kawzi li wiehed ikun irid jaqtaghhom fi zmien ragonevoli. Pero', il-process tal-gustizzja huwa fin u delikat, li rarament ikollu success meta wiehed jaghzel li jimxi fit-triq il-qasira biex jasal malajr. Min hu mghobbi bir-responsabilita' tal-gudizzju ma jistax jiehu "short cut" fejn il-gustizzja ma tkunx tippermettilu li jaghmel dan. Diversament l-effett kumulattiv jista' jkun li tintilef il-kredibilita', b'gudikati li ma jkunux motivati sewwa u b'hekk issir hsara kbira lill-amministrazzjoni tal-gustizzja*".

Applikati dawn il-principji ghall-ewwel aggravju, ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ssib li l-argument imressaq mir-rikorrenti appellanti ghandu mis-sewwa. Dana peress li minn harsa kemm lejn ir-rikors promotur, kif ukoll lejn in-nota tas-sottomissjonijiet, jirrizulta li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu qeghdin jigu marbuta proprju mal-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Meta wiehed, pero`, jara s-sentenza appellata, ghalkemm inghad li r-rikorrenti kienu qeghdin jghidu li t-taxxa kienet skorretta a bazi tal-imsemmi artikolu, u ghalkemm inghad ukoll li d-Direttur intimat afferma li evalwa l-kriterji kollha stabbiliti fil-ligi, inkluz l-Artikolu 41(b) tat-Tariffa de quo qabel ma hareg it-taxxa in dizamina, l-ewwel Qorti naqset milli

tistharreg *funditus* jekk effettivament l-istess artikolu kienx applikabbli u, jekk fl-affermattiv, giex applikat fil-kaz in ezami.

L-azzjoni in ezami hija ekwiparabbli ma' wahda ta' stharrig gudizzjarju, fejn il-Qorti ma tridx tieqaf fuq dak li jinghad mid-Direttur tal-Qorti, izda jehtieg li dik il-Qorti tara sew jekk il-kriterji mhaddma minnu kienux dawk l-istess kriterji hekk kif preskritti fil-ligi, kif applikabbli ghall-kaz in ezami. Din l-azzjoni hija wahda fejn jigu sindikati kemm l-azzjoni, kif ukoll id-diskrezzjoni ta' ufficjal pubbliku. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Frar, 1994, fil-kawza fl-ismijiet **Av. Tonio Borg noe. v. Agent Registratur tal-Qrati et.**). Ladarba l-ilment tar-rikorrenti kien jitratta l-kwistjoni li d-Direttur intimat naqas milli jadopera l-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12, kien jehtieg li l-ewwel Qorti tinvesti l-applikabbilità tal-istess artikolu ghall-kaz in ezami, kif ukoll jekk effettivament id-Direttur intimat applikax l-istess kriterji mahsuba fil-ligi ghat-taxxa in kontestazzjoni u mhux semplicement tistrieh fuq dak li xehed id-Direttur intimat.

Din il-Qorti ma tistax taqbel mat-tezi tal-avukat tal-intimati appellati Lombard Bank Malta plc et, meta jinghad minnha li dan l-ezercizzju sar mill-ewwel Qorti meta rriteniet li l-kuraturi deputati ma pprezentaw ebda cedola ta' kumpens u ta' depozitu, peress li din il-konsiderazzjoni, flimkien mal-ohrajn maghmula mill-ewwel Qorti ma jindirizzawx id-

dilemma sollevata mill-istess kuraturi deputati. Dan kollu jfisser li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija verament nieqsa minn motivazzjoni dettaljata dwar l-ilmenti tal-atturi appellanti, pero`, dan in-nuqqas, f'dan il-kaz, mhux daqshekk gravi li ghandu jwassal ghan-nullità tas-sentenza appellata.

Qabel ma din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-applikabbilità tal-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12, ghall-kaz in ezami u tissindika l-ezercizzju mwettaq mid-Direttur intimat, jitqies opportun li jigu investiti l-aggravji l-ohra tar-rikorrenti appellanti.

It-tieni aggravju tar-rikorrenti appellanti jitratta l-kwistjoni jekk cedola ta' depozitu tikkostitwixxi jew le "*att gudizzjarju*". Din kienet ukoll eccezzjoni mqanqla minn numru ta' intimati appellati, li madankollu jinghad li l-ewwel Qorti naqset milli tinvesti tali aspett. Peress li din l-eccezzjoni tolqot fis-sustanza l-azzjoni tar-rikorrenti, li kif inghad qabel, tissejjes fuq l-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12, li fih innifisu jehtieg proprju tali rekwizit, meta jinghad li japplika ghall-kuraturi li jigu notifikati b'att gudizzjarju, jigi affermat li l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi din l-eccezzjoni billi tichadha.

Jigi nnotat minn din il-Qorti li l-appellati Bank of Valletta plc et jinsistu fuq din l-eccezzjoni fir-risposta tal-appell taghhom, filwaqt li l-appellati

Lombard Bank Malta plc et jghidu li gia ladarba r-rikorrenti naqsu milli jipprezentaw rikors a tenur tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12, allura ma jistghux issa jinterponu appell *ab omissa decisione.*

Fir-rigward tal-ahhar punt, jigi osservat minn din il-Qorti li, ladarba l-ilment tal-kuraturi deputati jissejjes fuq nuqqas ta' decizjoni dwar eccezzjoni (u mhux ta' talba proposta minnhom), dan ifisser li l-procedura kontemplata taht l-Artikolu 235 tal-Kap. 12, mhix applikabbli ghall-kaz in ezami.  In kwantu l-kwistjoni jekk cedola ta' depozitu hix meqjusa bhala att gudizzjarju, din il-Qorti wara li ezaminat il-Ligi Sussidjarja 12.12 intitolata "**Regoli dwar in-notifika ta' atti gudizzjarji bil-posta**", senjatament id-definizzjoni moghtija ta' "*att gudizzjarju*" li tfisser kull att jew skrittura pprezentata fir-registru, jew li tohrog minn xi Qorti, Tribunal jew Bord f'Malta (eskluzi l-mandati u l-ordnijiet hemm specifikati), minghajr ezitazzjoni tikkonferma li cedola ta' depozitu hija effettivament att gudizzjarju u konsegwentement kien ikun xieraq u opportun li l-Qorti tichad tali eccezzjoni.

Similment, it-tielet aggravju tar-rikorrenti appellanti jitratta in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tindirizza l-kwistjoni li numru ta' intimati appellati ressqu l-eccezzjoni fis-sens li t-talbiet tar-rikorrenti kif proposti a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12, kellhom semplicement jattakkaw it-taxxa ta' spejjez gudizzjarji u konsegwentement it-tieni u t-tielet talbiet li d-Direttur intimat

jahdem mill-gdid l-imsemmija taxxa u dan wara li jiehu kont tal-provvediment tal-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12, huma irriti, nulli u inammissibbli.

Fir-rigward ta' dan l-aggravju, jinghad li huwa minnu wkoll li din l-eccezzjoni ta' xi whud mill-intimati appellati ma gietx trattata mill-ewwel Qorti. Ghalkemm huwa meqjus li din l-eccezzjoni ma tolqotx il-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti appellanti, hu mehtieg li jigi investit ukoll dan il-punt. Din il-Qorti tirribadixxi dak li nghad taht l-ewwel aggravju, fejn ekwiparat l-azzjoni odjerna ma' dik ta' stharrig gudizzjarju, fejn tigi ezaminata d-diskrezzjoni ezercitata minn ufficjal pubbliku. F'azzjoni simili, il-Qrati taghna ghandhom jillimitaw ruhhom li jezaminaw il-kriterji adoperati mir-Registratur tal-Qorti sabiex tiddetermina jekk dawn humiex skont il-ligi. Il-Qorti trid taghmel ezami dwar jekk id-Direttur intimat uzax id-diskrezzjoni tieghu b'mod ragjonevoli u skont il-ligi. Il-Qorti, f'tali cirkustanzi, f'tali azzjoni tista' se mai biss tordna lid-Direttur intimat appellat li jahdem it-taxxa ufficjali mill-gdid, wara li jiehu kont tal-provvedimenti ritenuti relevanti fil-ligi. Dan ifisser li ghalkemm it-tieni talba u parti mit-tielet talba tar-rikorrenti appellanti huma idoneji ma' dak li appena nghad, dik il-parti tat-tielet talba fejn jintalab li tidhol figura specifika fil-kolonna relattiva ghall-kuraturi deputati, ma setghetx issir. Ghalhekk din l-eccezzjoni kellha tintlaqa' biss in parte.

Fir-raba' aggravju jinghad mir-rikorrenti appellanti li filwaqt li l-ewwel Qorti rrespingiet l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-kuraturi deputati bl-ispejjez kontra taghhom, fil-parti dispozittiva tas-sentenza, hija laqghet r-risposti sollevati mill-intimati u rrespingiet it-talbiet tar-rikorrenti appellanti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Filwaqt li din il-Qorti tista' sa certu punt tifhem l-ilment tar-rikorrenti appellanti, izda jitqies ferm relevanti l-osservazzjonijiet maghmula in materja mill-kuraturi deputati appellati fir-risposta tal-appell taghhom. Dana peress li l-Qrati taghna jiddistingwu bejn kuraturi appuntati mill-Qorti u dawk il-kuraturi li huma stess joffru r-rapprezentanza taghhom. Huwa pacifiku li kuratur appuntat mill-Qorti, ghalkemm jidher minn rajh wara l-hrug tal-bandu, m'ghandux jaghmel tajjeb personalment ghall-ispejjez gudizzjarji. Rilevanti f'dan il-kuntest is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Settembru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Mary Bennie v. Dr Beppe Fenech Adami et**, fejn inghad:

> "*Illi f'dan ir-rigward, il-principju accettat u generalment maqbul li jhaddem il-qaghda ta' kuraturi ex ufficio huwa dak li jzomm li l-hatra u r-responsabbilta' tal-kuraturi tieqaf malli jkun hemm sentenza ahharija li ssir gudikat*[1]*, u li dan ifisser ukoll dak l-istadju tal-esekuzzjoni taghha*[2]*. Izda kuratur (ukoll jekk jidher minn rajh wara l-hrug tal-bandu) mahtur mill-Qorti ma jaqax fl-istess keffa ta' mandatarju jew tal-kuratur ad litem, u jidher li l-ligi ma tridx li tali kuraturi jkunu personalment responsabbli ghat-twettiq tas-sentenza jew ghall-hlas tal-ispejjez*"[3].

[1] *App. Civ.: fil-kawza fl-ismijiet Strickland vs Strickland (Kollez. Vol: XXIV.i.544);*
[2] *P.A.: fil-kawza fl-ismijiet Sammut vs Portelli (Kollez. Vol: XXXIX.ii.594) applikabbli ghall-kuraturi ad litem;*
[3] App. Civ.: 15.12.1945 fil-kawza fl-ismijiet M. Debono et vs C. Falzon (Kollez. Vol: XXXII.i.321);

Fi kwalunkwè kaz, tenut kont tal-fatt li l-kuratur deputat Dr Joseph Ellis irtira l-ewwel eccezzjoni dwar l-irritwalità tal-procedura, mhux mehtieg li dan il-punt jigi investit ulterjorment.

Il-hames aggravju jittratta l-allegat zball li jsir fis-sentenza appellata meta jinghad mill-ewwel Qorti li t-taxxa in kwistjoni kienet ibbazata *ad valorem* u nhadmet a bazi tat-"*Tariffa E5*". Dan meta r-rikorrenti appellanti jikkontendu li l-Artikolu 5 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 ma jiccentra xejn mal-qafas tal-proceduri odjerni. Inoltrè, l-ewwel Qorti sostniet li d-Direttur imharrek xehed li ta kaz l-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12 meta rrediega t-taxxa ufficjali, u li d-Direttur ma giex kontradett f'dan. Jishaq li d-Direttur intimat appellat xehed li hadem it-taxxa ufficjali a bazi tal-Artikolu 2(c) tat-Tariffa E tal-Kap. 12 u ghalhekk mhux fuq it-Tariffa E5, kif inghad mill-ewwel Qorti. Id-Direttur intimat xehed li l-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12 m'ghandux jigi applikat fic-cirkostanzi in ezami peress li ghamel distinzjoni bejn kaz fejn kuratur deputat jinhatar fuq cedola ta' depozitu *ut sic* u x-xenarju fejn l-hatra ta' kuratur deputat issir fl-atti ta' proceduri in subbasta li fihom titressaq cedola ta' depozitu. Ir-rikorrenti appellanti jishqu li, ghalkemm d-Direttur intimat sostna li din id-distinzjoni tohrog mil-ligi, baqa' ma ssenjalax minn fejn tohrog tali distinzjoni. F'dan is-sens ir-rikorrenti appellanti jiccitaw l-Artikolu 1009 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex isostnu li kull uzu jew drawwa

kontra d-dispozizzjonijiet tal-ligi m'ghandhux ikollha effett. Jiccitaw gurisprudenza fis-sens li l-ligi ta' procedura hija ta' ordni pubbliku, kwindi jehtieg li tigi osservata u mhux moghti li prattika kostanti tmur kontra disposizzjoni espressa tal-ligi. Dan kollu, fil-fehma tar-rikorrenti appellanti jixhed li l-ewwel Qorti naqset milli tinvesti b'mod xieraq l-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12 u dwar l-applikabbilità tieghu u kwindi ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom ladarba naqset milli tinvesti l-istess artikolu tal-ligi adegwatament.

Jibda billi jigi osservat li, kontrarjament ghal dak li jinghad mir-rikorrenti appellanti, l-ewwel Qorti ma kienitx qeghda tistrieh fuq in-nota tal-appellat Lombard Bank Malta plc et meta rreferiet ghall-Artikolu 5 tat-Tariffa E tal-Kap. 12. Dan peress li minn harsa lejn ix-xhieda ta' Frank Mercieca, filwaqt li huwa minnu li fil-bidu tax-xhieda tieghu jinghad li t-taxxa in kwistjoni inhadmet a bazi tat-Tariffa E, Artikolu 2(c), fit-tieni pagna tax-xhieda tieghu jaghmel referenza wkoll ghat-Tariffa E, Artikolu 5 meta jinghad minnu li din tirreferi ghad-depozitant. Effettivament kif rilevat mill-istess rikorrenti appellanti taht l-ewwel aggravju, meta wiehed jadopera l-Artikolu 5(a)(ii) tat-Tariffa E tal-Kap. 12, ladarba c-cedola ta' depozitu saret fl-ammont ta' €598,000, meta wiehed jikkalkolaha bil-1%, din taghti dritt ta' €5,980 ghall-avukat u €1,933.33 ghall-Prokuratur Legali. Kwindi l-ewwel parti tal-argument tar-rikorrenti appellanti, kif

gustament rilevat ukoll mill-appellati Lombard Bank Malta plc et, ma jregix.

Imiss li jigi trattat il-punt krucjali tal-vertenza in ezami, dak fejn id-Direttur intimat xehed illi ghalkemm ikkonsulta l-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E, tal-Kap. 12, filwaqt li f'cedoli ta' fidi ta' depozitu kontra kuraturi il-kuratur jiehu 1% ukoll, mhux l-istess jigri fis-subbasta, peress li l-kuratur huwa diga fil-proceduri fis-subbasta u mhux fic-cedola. Kwindi jaghmel distinzjoni fejn l-avukat kuratur deputat ikun thallas *ad valorem* f'att gudizzjarju bhal ma gara f'dan il-kaz, fil-proceduri ta' subbasta, u fejn l-avukat kuratur deputat jigi appuntat proprju fl-istadju ta' cedola. Distinzjoni li jinghad tohrog mil-ligi, altrimenti jinghad li l-avukat ikun ha 1% fi dritt aktar minn dak indikat fit-tariffa.

Fir-risposta tal-appell, id-Direttur appellat jishaq fuq is-sottomissjoni tieghu li ladarba r-rikorrenti thallsu *ad valorem* fuq l-ammont li huwa msejjes fuqu t-titolu ezekuttiv, li ta lok ghall-proceduri tas-subbasta, a tenur tal-Artikolu 2(c) tat-Tariffa E tal-Kap. 12 ma jfissirx li r-rikorrenti jithallsu *ad valorem* fuq kwalsiasi att li huwa konsegwenti u dipendenti fuq il-mertu principali tal-kaz in dizamina, ossia t-titolu ezekuttiv li ta lok ghall-procedura tas-subbasta. Ghalhekk jishaq li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti appellanti jekwivalu ghal talba fejn il-kawzali jigu intaxxati ghal aktar minn darba, xi haga li zgur ma kienitx intenzjonata mill-legislatur,

peress li c-cedola ta' kumpens u depozitu hija biss wahda mill-atti gudizzjarji li jirrizultaw mill-mertu principali in ezami u kwindi m'ghandhiex tigi intaxxata *ad valorem*.

Trattati l-argumenti rispettivi tal-partijiet imiss li din il-Qorti tinvesti ruhha fuq l-applikabbilità tal-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12, ghall-kaz in ezami. Jibda billi jigi osservat li l-imsemmi artikolu jipprovdi:

> "*41. (b) Il-kuraturi ufficjali meta notifikati b'kopja ta' att gudizzjarju, li in konnessjoni mieghu ma humiex mistennija li jipprezentaw sottomissjoni miktuba, jiehdu l-istess dritt dovut lill-Avukat u Prokuratur Legali ghall-istess att gudizzjarju*".

Dwar l-applikabbilità ta' dan l-artikolu ghall-kaz in ezami, jibda billi jinghad li m'hemmx dubju li l-appellanti jitqiesu kuraturi ufficjali ai termini tal-istess artikolu in kwistjoni, kif ukoll li kif inghad qabel, huwa meqjus li cedola ta' depozitu tikkostitwixxi att gudizzjarju ai termini tal-istess artikolu. M'hemmx dubju anqas li din ic-cedola ta' kompensazzjoni u depozitu giet debitament notifikata lir-rikorrenti appellanti, fil-kwalità taghhom ta' kuraturi deputati fil-proceduri ta' subbasta, tant li ghalkemm ma kienx mehtieg minnhom jipprezentaw sottomissjoni bil-miktub, l-istess appellanti ntavolaw risposta li permezz taghha rrimettew ruhhom ghall-gudizzju tal-Qorti. Jidher li ghalhekk gew sodisfatti l-elementi kollha sabiex jista' jinghad li l-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12 huwa applikabbli ghall-kaz in ezami, sabiex b'hekk ir-rikorrenti appellanti gustament jippretendu li jinghataw l-istess dritt dovut lill-Avukat u

Prokuratur Legali ghac-cedola ta' depozitu in kwistjoni. Ladarba d-dritt dovut lill-avukat u prokuratur legali ghac-cedola ta' depozitu huwa dak stipulat fl-Artikolu 5(a)(ii) tat-Tariffa E tal-Kap. 12, l-istess dritt jispetta lir-rikorrenti appellanti. Ma hemm xejn fl-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12 li jaghmel id-distinzjoni kif jittanta jghid id-Direttur appellat jew li jixhet limitazzjoni fuq hlas ta' atti gudizzjarji *ad valorem* kif jinghad mid-difensur tieghu. Dan qieghed jinghad a bazi tal-principju *quod lex voluit lex dixit*; u l-ligi tghid biss "*kuraturi ufficjali meta notifikati b'kopja ta' att gudizzjarju, li in konnessjoni mieghu ma humiex mistennija li jipprezentaw sottomissjoni miktuba*", minghajr ma taghmel distinzjoni jew timponi limitazzjoni u ghalhekk tapplika l-massima legali li *quod lex non distinguit nec nos distinguere debemus.*

Jinghad ukoll illi, kif gustament rilevat mir-rikorrenti appellanti, skont l-Artikolu 1009 tal-Kap. 12, jinghad li:

> "*Kull uzu jew drawwa kuntrarja jew mhux kompatibbli mad-dispozizzjonijiet ta' dan il-Kodici m'ghandux ikollhom effett*".

Tabilhaqq il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u ghalhekk, jekk provvediment tal-ligi jippreskrivi certu regoli, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-7 ta' Dicembru, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Pace Associates Ltd vs. Drawing Techniques Ltd.**) Hekk ukoll fis-

sentenza ta' din il-Qorti, deciza fl-14 ta' Awwissu, 1975, fil-kawza fl-ismijiet **Tabiba u Kirurga Anne Cremona Barbaro vs. Prof. Edwin J. Costanzi nomine**, (mhux pubblikata) insibu ritenut:

> "*l-ebda prattika ghalkemm kostanti, ma tista' tmur kontra l-espressa disposizzjoni tal-ligi, u l-prattika ma tistax tipprevali fuq dak li tiddisponi l-ligi* " u "*l-ebda prattika ma tista' thassar dak li l-ligi tiddisponi*".

Dawn il-principji jirriflettu proprju dak kontemplat fl-Artikolu 1009 tal-Kap. 12. Kwindi ma jiswa xejn dak li jinghad mid-Direttur intimat fis-sens li l-metodologija adoperata minnu kienet adottata f'kazijiet simili, meta din il-prattika tmur kontra dak stipulat fl-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12. Inoltrè, jirrizulta wkoll mill-prova esebita in atti, waqt l-ahhar seduta, li f'proceduri simili, izda li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kaz in kwistjoni, jidher car li f'taxxa ohra mahruga mir-Registratur tal-Qorti fit-22 ta' April, 2015, fl-atti ta' subbasta 66/2013, illi f'dak il-kaz gie komputat dritt ghal cedola ta' kompensazzjoni favur il-kuraturi deputati ekwivalenti ghad-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali li ghamlu l-istess cedola. Kwindi din il-prova wkoll tmur kontra dak li xehed id-Direttur intimat fil-proceduri odjerni.

Konsidrat dan kollu, din il-Qorti ma tqisx li fil-hrug tat-taxxa in kontestazzjoni id-Direttur intimat ezercita d-diskrezzjoni tieghu b'mod ragonevoli u skont kif titlob il-ligi, kwindi l-aggravju principali tar-rikorrenti appellanti jirrizulta misthoqq u jimmerita li din il-Qorti tiddikjara li t-taxxa

ufficjali fl-atti tas-subbasta 90/2010, datata 3 ta' Novembru, 2011, hija nulla u bla effett. Tordna lid-Direttur intimat li tigi komputata mill-gdid it-taxxa ufficjali wara li jiehu kont ta' dak li ghadu kif inghad, u dan billi jalloka lill-appellanti d-dritt spettanti skont il-ligi ghac-cedola ta' kompensazzjoni notifikata lilhom.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju, dak li jitratta min kellu jigi mharrek fil-proceduri odjerni. Ir-rikorrenti appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata irriteniet li l-vertenza odjerna kienet tolqot biss lir-rikorrenti u lid-Direttur intimat li hareg it-taxxa in kwistjoni, kwindi kienet ghal kollox superfluwa l-prezenza tal-intimati l-ohra kollha fil-proceduri odjerni. Huma jiccitaw gurisprudenza estensiva sabiex isostnu l-argument taghhom li l-proceduri ta' ritassa jehtiegu li kull min ikun interessat ikun parti f'dawk il-proceduri, avukati u prokuraturi legali inkluzi, li ppartecipaw u li kellhom interess fil-proceduri tas-subbasta 90/2010. Kwindi jinsistu li l-procedura adoperata minnhom la kienet wahda "*superfluwa*", lanqas wahda "*inutilment dispendjuza*", u lanqas wahda "*irrilevanti*", kif ritenut mill-ewwel Qorti.

Filwaqt li l-appellati Bank of Valletta plc et jikkoncedu li huma gew citati biss ghall-fini tal-integrità tal-gudizzju, u jishqu li m'ghandhom ibatu l-ebda spejjez, l-appellati Lombard Bank Malta plc et jinsistu li l-ewwel Qorti ddecidiet sew, izda jekk kemm-il darba l-appellanti jinghataw

ragun, huma m'ghandhomx ibatu l-ispejjez peress li l-ebda azzjoni da parti taghhom ma tat lok ghall-azzjoni odjerna u ghalhekk ma tistax titqies attribwibbli lilhom.

Ir-rizoluzzjoni ta' dan l-aggravju jirrizulta mid-dispozizzjoni tal-Artikolu 64(2) u (3) tal-Kap. 12 li jipprovdu:

> "*(2) Ir-rikorrent ghandu jara li kopja tar-rikors ghandha tigi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbaghad ikollu ghoxrin jum li matulhom ikun jista' jipprezenta risposta.*
>
> "*(3) Il-proceduri bil-miktub li ghandhom x'jaqsmu mar-rikors ghandhom jitqiesu maghluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jaghlaq iz-zmien moghti ghaliha. Il-partijiet ghandhom jigu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors*".

Dawn il-provvedimenti jixhdu li r-rikorrenti appellanti kienu marbuta li jinnotifikaw lil kull min kellu interess fir-rikors, kif ukoll li l-istess partijiet kellhom jigu notifikati bid-data tas-smiegh tar-rikors. Kwindi jirrizulta li l-kummenti tal-ewwel Qorti kienu barra minn posthom, peress li l-appellanti mxew strettament mal-parametri dettati mil-ligi. Isegwi li hawn ukoll l-aggravju tar-rikorrenti appellanti jimmerita li jintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunjiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi li tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrenti appellanti, billi tilqa' l-istess kif inghad, u filwaqt li thassar u tirrevoka s-sentenza tad-19 ta' Gunju, 2013, tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet premessi, tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati appellati kif inghad, u tiddikjara li t-taxxa

ufficjali fl-atti tas-subbasta 90/2010, datata 3 ta' Novembru, 2011, nulla u bla effett u tordna lid-Direttur intimat sabiex jahdem mill-gdid it-taxxa ufficjali, wara li jqis sew il-provvediment tal-Artikolu 41(b) tat-Tariffa E tal-Kap. 12 kif imfisser f'din is-sentenza.

Minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
Mb/rm